KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 6/2/194/12

**Minuti tal-Laqgha Nru. 2 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar il-Hamis 12 ta' April 2012. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Raymond Attard, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio u l-Kunsillier Tyrone Muscat.

Il-Kunsillier Steven Axisa dahal ghal-laqgha fis-6.25pm.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima kien skuzat. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkun skuzat fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku ppressjeda din il-laqgha.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 1 tas-Sitt Legislatura**

1.1 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**2) Korrispondenza**

2.1 – **Ittra minn Sciberras & Lia *Advocates*** – Dr.Paul Lia baghat ittra biex is-Sur Brincat li jopera kiosk hdejn l-MCAST jkun jista' jistalla l-arlogg tad-dawl ghall-kiosk u li mill-Enemalta tawh formola u talbuh biex igib il-kunsens tal-Kunsill Lokali Paola. Wara diskussjoni dwar dan, gie deciz li jintalab il-parir tal-avukat tal-Kunsill u jekk kollox ikun skond il-ligi, il-Kunsill Lokali ma jsib l-ebda oggezzjoni.

Il-Kunsillier Steve Axisa dahal ghal-laqgha fis-6.25pm.

2.2 – **Ittra mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** – Il-President is-Sur Michael Cohen u s-Segretarju s-Sur Jimmy Magro baghtu Cirkulari 16/2012 biex il-kunsilli lokali jaghmlu l-ghazla taghhom dwar is-sistema li jixtiequ jhaddmu fil-lokal taghhom fir-rigward tal-asfaltar tal-kanali meta jsir xoghol mill-WSC.

2.21 - Hemm 2 ghazliet. Ghazla A – Ix-xoghol tal-asfaltar tal-kanali jsir mill-kunsill lokali skond il-ftehim bejn il-WSC U l-AKL jew Ghazla B – Ix-xoghol tal-asfaltar tal-kanali jsir mill-WSC minghajr mal-kunsill lokali jhallas xi spejjes involuti.

2.22 – Il-Kunsillier Attard qal li jaqbel mal-Ghazla B, izda jaqbel ukoll li jintalab l-parir tal-avukat tal-Kunsill.

2.23 – Il-Kunsilliera Delezio qalet li f'dawn l-affarijiet trid izzomm in-nies responsabbli tax-xoghol li jkunu ghamlu.

2.24 – Wara diskussjoni sar qbil li dwar dan jintalab il-parir tal-avukat tal-Kunsill.

2.3 – **Ilmenti dwar it-targa tal-Kazin PN** - Il-Kunsillier Muscat qal li hu kien ghadda dawn l-ilmenti lis-Segretarju tal-Kazin. Hu zied jghid li din it-targa tnehhiet.

2.4 – **Ittra mis-Sinjura Joan Gabriele u s-Sur Furtu Caruana** – Is-Sur Gabriele u s-Sinjura Caruana baghtu ittra fejn talbu biex il-kunsill itihom il-bandli li hemm fil-Gnien ta' Wied Blandun biex jintbaghat lil Makiungu Primary School, Singida, Tanzania, East Africa u biex il-Kunsill jipprovdi t-trasport ukoll u jekk il-Kunsill jaccetta l-bandli jigu maqlugha minn studenti tal-MCAST.

2.41 - Sar qbil li l-Kunsill Lokali Paola jaghti l-bandli bhala donazzjoni izda qabel dan ghandha tintbaghat ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghall-approvazzjoni. Sar qbil ukoll li ma jistax jigi pprovdut it-trasport.

2.5 – ***Patching* fi Vjal it-28 ta' April 1958 (Benniena)** – Is-Sindku qal li hemm bzonn isir *patching* mill-kuntrattur f'din it-triq ghax hemm hafna hofor kbar u ghandna hafna lmenti mir-residenti. Is-Sindku kompla jghid li ser ikellem lill-kuntrattur dwar dan. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

2.6 – **Gurnata Kulturali gewwa Ragusa** – Il-Kunsilliera Delezio qalet li s-Sinjura Marthese Bugeja baghtet ittra biex il-Kunsill jirriklama din l-attivita'. Hi kompliet tghid li ser tiehu hsieb din l-attivita'. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

2.7 – **ETC *Course*** – Il-Kunsilliera Delezio qalet li l-ETC ser jorganizza korsijiet li jibdew nhar l-Erbgha 2 ta' Mejju 2012 ghal grupp ta' persuni li jirregistraw u dawn il-korsijiet isiru fil-*premises* l-antiki tal-Kunsill. Hi qalet ukoll li hemm bzonn ta' 30 siggu u li ser ikun hemm bzonn *Projector*. Hi kompliet tghid ukoll li l-ittri lill-partecipanti diga' tqassmu. Wara diskussjoni, sar

qbil li l-korsijiet isiru fil-premises tal-Kunsill u li jingiebu l-kwotazzjonijiet biex jinxtara *projector*.

**3) Laqgha tal-Lokalita'**

3.1 – Is-Segretarju qal li din il-laqgha trid issir qabel ma' l-Kunsill jikkunsidra l-posizzjoni finanzjarja tieghu.

3.2 - Gie deciz li l-Laqgha tal-Lokalita' ssir nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2012 fis-6.00pm fis-sala tal-Kunsill Lokali Paola.

**4) *Tender Project Manager***

4.1 – Is-Segretarju qal li dan il-progett *ESF Project Management* huwa ffinanzjat mill-EU u kienu hargu 2 tenders dwaru, tender fuq *Research* u tender iehor tal-*Project Manager*. Hu zied jghid li dan it-tender (*Tender ESF Project Management*) kien rega' nhareg mill-gdid minhabba issue tekniku.

4.2 – Il-Kunsilliera Delezio qalet li ghamel kuntatt maghha s-Sur Glenn Treves fejn qalilha li dan il-progett huwa tieghu u ghalhekk huwa suppost ikun il-*Project Manager*. Qalet ukoll li qabditu mas-Segretarju ghal aktar informazzjoni.

4.3 – Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li huwa kien qal lis-Sur Treves li t-tender tal-*Project Manager* kien ufficcjalment gie ppubblikat fis-17 ta' Frar 2012 u jaghlaq fl-20 ta' Marzu 2012 aktar minn gimgha qabel dik it-telefonata. Is-Segretarju nforma wkoll li dan il-progett inhadem mal-MEUSAC li hija Agenzija Governattiva u li fl-ebda hin u mument ma' ssemma jew gie riferut is-Sur Treves. Hu zied jghid ukoll li jekk irid il-Kunsill jista' jaghmel kuntatt mal-MEUSAC u jivverifika dan kollu.

**5) Responsabilitajiet tal-Kunsilliera**

5.1 – Is-Sindku qassam id-dekasteri lill-Kunsilliera. Dawn gew imqassma hekk;

5.2 - Is-Sindku Roderick Spiteri – Finanzi, Infrastruttura, Public Relations, Public order, Anzjani, Housing, MEPA, Edukazzjoni, Ghaqdiet tal-Lokal u Sustainable Development.

5.3 – Il-Vici Sindku Dominic Grima – Soft Areas, Tindif Generali (Bulky Refuse, Kenniesa, qtugh ta' haxix, gbir ta' skart domestiku), Trasport Pubbliku.

5.4 – Il-Kunsillier Raymond Attard – EU Relations, Sinjali ta; Traffiku, Trasport Malta.

5.6 – Il-Kunsillier Steven Axisa – Zghazagh u Sports, Fondazzjoni Wirt Paola, Customer Care, Negozji, Media.

5.7 – Il-Kunsillier Bernard Sean Lynch – Jum Paola, General Activities, Kultura u Patrimonju, Gemellaggi, Website.

5.8 – il-Kunsilliera Rita Delezio – ETC, Persuni bi bzonnijiet specjali, Enemalta, Water Services.

5.9 – Il-Kunsillier Tyrone Muscat – Latrini pubblici, Suq, Attivitajiet Milied u l-Ghid il-Kbir.

5.10 – Is-Sindku staqsa jekk hux kulhadd ser jaccetta dawn id-dekasteri.

5.11 – Il-Kunsiller Muscat qal li hu ma xtaqx jinghata' dan id-dekasteru.

5.12 - Is-Sindku qal li la hu jixtieq hekk ma hemm l-ebda problema biex ma jinghatax dan id-dekasteru u ghaldaqstant is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsillier Muscat jghin lill-Kunsillier Lynch fl-attivitajiet generali u l-kultura.

5.13 – Is-Sindku qal li l-Kumitat tal-Finanzi irid ikun maghmul minn 4 persuni skond il-ligi. Hu ppropona wkoll li jkun maghmul ukoll mill-Kunsillier Axisa.

5.14 - Il-Kunsillier Axisa accetta din il-proposta.

5.15 – Il-Kunsillier Attard qal li bhala responsabbilita' ta' l-EU xtaq jaghmel kumitat u li ser ikun maghmul minnhu, mis-Segretarju, mis-Sur Renald Dalli, mis-Sur Ronnie Calleja u mis-Sur Alfred Ellul Galea. Il-membri tal-kunsill approvaw.

5.16 – Is-Sindku qal li kull hmistax ser isiru *progress meetings.*

5.17 – Is-Sindku qal ukoll li ser ikun hemm ukoll *Working Teams.*

5.18 - *Sustainable Development Team* - Roderick Spiteri, Ray Attard u Steve Axisa.

5.19 – *Social Policy Team* – Roderick Spiteri, Dominic Grima, Rita Delezio.

5.20 – *Activities Team* – Bernard Sean Lynch, Steve Axisa, Tyrone Muscat, Rita Delezio.

**6) <u>Aggornament</u>**

6.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar il-Hamis 3 ta' Mejju 2012 fis-6.00pm.

Approvati llum 14/5/2012

Kevin Borg

Segretarju

Roderick Spiteri

Sindku